

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, N. von Lingen u A. Tokár aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Slovakka (rappreżentanti: B. Ricziová, aġent)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 5791 finali, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 (KE) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ Nru COMP/F/39.396 — Reaġenti tal-karbur tal-kalċju u tal-manjesju għall-industrija tal-azzar u tal-gass), sa fejn issemmi lir-rikorrenti, kif ukoll, sussidjarjament, talba għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti mill-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) *Novácke chemické závody a.s.* għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- (3) Ir-Repubblika Slovakka għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 267, 7.11.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2012 — 1. garantovaná vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-392/09) (¹)

“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-karbur tal-kalċju u ta' manjesju għall-industrija tal-azzar u tal-gass fiż-ŻEE, minbarra fl-Irlanda, fi Spanja, fil-Portugall u fir-Renju Unit — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-suq — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur — Multi — Massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ — Dħul mill-bejgħ rilevanti — Drittijiet tad-difiża — Obbligu ta' motivazzjoni — Proporzjonalità — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont ta' multi tal-2006 — Kapaċità kontributtiva”

(2013/C 32/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: 1. garantovaná a.s. (Bratislava, is-Slovakja) (rappreżentanti: inizjalment M. Powell, solicitor, A. Sutton u G. Forwood, barristers, sussegwentment M. Powell, G. Forwood, M. Staroň u P. Hodál, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Bourke, N. von Lingen u A. Tokár, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 5791 finali, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 (KE) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ

COMP/F/39.396 — reaġenti abbażi ta' karbur tal-kalċju u ta' manjesju għall-industrija tal-azzar u tal-gass), inkwantu tirrigwarda r-rikorrenti, kif ukoll, sussidjarjament, talba għal tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fl-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) 1. *garantovaná a.s.* hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 297, 5.12.2009

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2012 — Ecka Granulate u non ferrum Metallpulver vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-400/09) (¹)

“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-karbur tal-kalċju u tal-manjeżju intiżi għall-industrija tal-azzar u tal-gass fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Irlanda, ta' Spanja, tal-Portugall u tar-Renju Unit — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-suq — Multi — Prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi tal-2006 — Ċirkustanzi attentanti — Kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva — Proporzjonalità — Kapaċità kontributorja”

(2013/C 32/24)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Ecka Granulate GmbH & Co. KG (Fürth, il-Ġermanja); u non ferrum Metallpulver GmbH & Co. KG (St. Georgen bei Salzburg, l-Awstrija) (rappreżentanti: inizjalment H. Janssen u M. Franz, sussegwentment H. Janssen u P. Homann, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Antoniadis, K. Mojzesowicz u N. von Lingen, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-parti konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Simm u G. Kimberley, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 5791 finali, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 tal-Trattat KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.396 — reaġenti bbażati fuq il-karbur tal-kalċju u l-manjeżju għall-industrija tal-azzar u tal-gass) safejn din tirrigwarda lir-rikorrenti, kif ukoll, sussidjarjament, talba għal tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti permezz tal-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.